MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2014

Numru. 616/2010

**Il-Pulizija**

**(Spettur Malcolm Bondin)**

**Vs**

**Sharon Falzon**

Magistrat Josette Demicoli

13 ta' Ottubru 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Sharon Falzon ta' 27 sena, bint il-mejjet Sebastian u Miriam nee' Coleiro, imwielda Pieta' nhar it-12 t'Ottubru 1982, u residenti gewwa Blue Rose, Flat 5, Triq Wenzu Gafa', Qormi u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 555882M :

Talli fil-21 ta' Dicembru 2009, ghal habta ta' 17.00hrs, gewwa l-istabiliment tal-Gomobile, li jinsab gewwa l-Pavi Supermarket, Triq Manwel Dimech, Qormi, bi hsara tal-kumpanija Go Plc, ghamlet qligh iehor b'qerq li huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);

Kif ukoll talli fis-26 ta' Jannar 2010, ghal habta ta' 17.30hrs, gewwa l-istabiliment tal-Gomobile, li jinsab gewwa l-Embassy Complex, gewwa l-Belt Valletta, bi hsara tal-kumpanija Go plc, ghamlet qliegh iehor b'qerq li huwa anqas minn  mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94).

Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja u li l-imputata m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat li fis-seduta tallum l-imputat irregistrat ammissjoni u wara li l-Qorti tatha zmien biex tirrikunsidra l-posizzjoni taghha kkonfermat l-istess ammissjoni.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u ghaldaqstant dawn gew sodisfacentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qeghda tinstab hatja l-imputata, ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-fedina penali taghha li hija netta, il-fatt li hija rritornat il-mowbajl kif ukoll wara li hadet in kunsiderazzjoni l-konkluzjonijiet raggunti mill-Psikjatra Dr Ethel Felice.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 309, 310(1)(b) u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata tal-

akkuzi migjuba fil-konfront taghha izda b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberaha bil-kundizzjoni li ma twettaqx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Il-Qorti tordna wkoll lill-imputata sabiex thallas l-ammont ta' tlett mija u hamsa u sebghin euro (€375) dovuti bhala hlas ta' esperti li ghandhom jithallsu fi zmien tlett (3) snin millum, liema ammont huwa konvertibbli fi prigunerija f'kaz ta' nuqqas ta' hlas. Il-pagamenti ghandhom jibdew mill-ahhar ta' Novembru 2014.

Il-Qorti wissiet lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk tikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------